**TARXIEN**
**Local Council**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 71/2024 it-Tmien Leġislatura

Data: It-Tlieta, 7 ta' Mejju 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**71.1 Ittri ta'Apoloġija**

71.1.1 Is- Sindku semma li s-Sur Ismael Dalli ma kienx informa li mhux ser jattendi u għaldaqstant propona li jitniżel bħala assenti. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Debattista, is-Sur Dalli tniżel bħala assenti.

**71.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.70**

71.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.70 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**71.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 59**

71.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli u s-Sa. Darlene Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-17 t' April 2024 u s-7 ta' Mejju 2024 li kienet tammonta għal €52,142.50.

**71.4 Punti mill-Minuti**

**TARXIEN**
**Local Council**

**71.4.1 Proġett tal-Pjazza**

Is-Sindku semma li kienet saret it-tnedija tal-proġett tal-Pjazza organizzata minn Infrastruttura Malta. Semma li fi żmien li ħadu sabiex ikun hemm pjanijiet konkreti għall-pjazza saru diversi studji li permezz tagħhom ser ikun garantit proġett ta' kwalita' għall-komunita' Tarxiniża. Semma li kien ukoll identifikat li jridu jagħddu s-servizzi kollha mill-ġdid. Semma li x-xogħol kollu għandu jkun komplut sa Mejju 2025.
Is-Sindku f' isem il-Kunsill irringrazzja lill-Onor. Chris Bonett li permezz ta' Infrastruttura Malta ser ikun hemm assistenza finanzjarja għall-proġett kollu.
Kien hemm ukoll diskussjoni fuq il-logo li jrid jiġi impoġġi f' nofs il-pjazza. Kien hemm qbil li titlaq il-frażi bil-Latin u l-logo jinżamm sempliċi b' Ħal-Tarxien miktuba taħtu.

**71.4.2 Fondi Norveġiżi – Ġnien Joanne**

Is-Sindku semma li x-xogħol kien konkluż u huwa irringrazzja lill-ħaddiema u lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tagħhom sabiex dawn il-proġetti setgħu jkunu possibbli.
Id-Deputat Segretarju semmiet li għadd hemm xi punti mir-rapport tal-MCCAA li ħareġ fuq il-bandli li l-Kunsill flimkien mal-Perita għandu jindirizza. Fost il-punti hemm il-gradi kif ukoll il-cat shelters li jinstabu wisq viċin il-bandli.

**71.4.3 Bandli Veliko Turnovo**

Is-Sindku informa li dan il-ġnien flimkien mal-Grawn ser ikun inawgurat nhar 29 ta' Mejju mill-Onor. Byron Camillieri u l-Onor. Alison Zerafa Civelli.
Semma li l-istedina hija miftuħa għall-pubbliku u ser ikunu mistiedna l-entitajiet u anki l-għaqdiet tal-lokal. Semma li jekk hemm qbil ikunu mistiedna l-ex Kunsilliera tal-lokal. Il-Kunsill qabel li dawn ukoll għandhom ikunu mistiedna.
Semma li omm u missier Mark Farrugia ser jikxfu l-plakka tal-Grawnd huma.
Kien hemm diskussjoni fuq Ġnien Mark Farrugia u li d-diskussjoni għandha tkompli fl-leġislatura oħra wara li anki forsi jinġab il-permess tal-Ġnien.

**71.4.4 Wrapping tal-Van**

Is-Sindku semma li dan ser ikun lest sa l-aħħar ta' Mejju 2024.

**71.4.5 Bust ta' Fr. Hilary**

Is-Sindku semma li kienet waslet rikjesta għand il-Kunsill li hemm għaqda li ser tkun qed tiffinanzja bust lil Fr. Hilary.

Semma li jridu permess mill-Kunsill sabiex dan il-bust jitpoġġa fi Ġnien Joanne.
Fuq proposta tas-Sindku li dan għandu jiġi approvat ladarba l-Kunsill ma kienx ser jiffinanzjah, issekonda s-Sur Thomas Debbatista u approva l-Kunsill li dan għandu jingħata permess.

**71.4.6 Ġnien Ovindoli**

Is-Sindku semma li kien qed jiġi rriġenerat permezz ta' bdil tal-ħamrija u xtieli ġodda.

**71.4.7 Assistent Prinċipal fi skala 11 – Board tal-Għażla**

Is-Sindku semma kienu saru l-intervisti u jidher li l-Board iddeċieda li ħadd mill-applikanti ma kien għadda. Għaldaqstant semma li kien ser jitkompla l-proċess mal-Jobsplus.

**71.4.8 Skema Clean Up**

Is-Sindku semma li permezz ta' mozzjoni preżentat il-Kunsill kien ser japplika għal dawn il-fondi sabiex isir tindif mill-ħmieġ tal-klieb f' diversi żoni u anki kampanja edukattiva.
Semmew li għandhom isiru tabelli fil-ġonna li l-klieb m' għandhomx jinżammu fil-ħamrija lanqas jekk ikunu fuq iċ-ċinga.
Is-sur Chris Pace semma li kien ser jagħddi lista ta' toroq fejn l-Aġenzija LESA u l-Pulizija tal-Kommunita' għandhom jagħmlu aktar rondi minabba abbużi minn nies li joħorġu l-klieb tagħhom.
Is-Sindku semma li Misraħ Buleben kien ser jinħasel u semma li ser jibda jiltaqa' anki mal-Veterinarju li hemm fil qrib biex jaraw kif tista' anki tassisti peress li jkun hemm ħafna klieb barra jistennew għand il-VET u qed iħamġu ħafna fiż-żona.
Is-Sur Pace semma wkoll li għandha titkompla kampanja edukattiva minħabba li Wet Food li jitħalla barra jġib il-hornets. Għaldaqstant bowls tal-ikle fuq barra għandhom jitnaddfu b' mod immedjat.

**71.4.9 Żona Sardinja**

Is-Sindku semma li flimkien mas-Sur Chris Pace kien ser jattendi għal-laqgħa mal-Onor Stefan Zrinzo rigward il-proposta tal-art ġewwa ż-żona ta' Sardinaj li kienet għaddiet lill-Ministru.

TARXIEN
Local Council

**71.8 Aġġornament**

71.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nahar it-Tlieta, 11 ta' Ġunju 2024 fil-17:00 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**